

Konvenut: Brescia Trasporti SpA

### Domandi preliminari

- 1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttiva 2007/46/KE<sup>(1)</sup> (b'mod speċifiku l-Artikoli 10, 19 u 28 tal-imsemmija direttiva Komunitarja), kif ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' imparzjalità, ta' kompetizzjoni sħiħa u ta' żvolġiment tajjeb tal-azzjoni amministrattiva, b'riferiment speċifiku għall-provvista, permezz ta' kuntratt pubbliku, ta' spare parts għal xarabanks intiżi għas-servizz pubbliku, jipprekludi l-fatt li jiġi permess lill-awtorità kontraenti taċċetta spare parts intiżi għal vettura speċifika, prodotti minn manifattur li ma huwiex il-kostruttur tal-vettura, u li għaldaqstant ma humiex approvati flimkien mal-vettura, li jaqgħu taħt waħda mit-tipi ta' komponenti kkontemplati mir-regolamentazzjonijiet tekniċi elenkati fl-Anness IV ta' din id-direttiva (Lista ta' ħtiġijiet għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi) u li huma proposti għall-finijiet tas-sejħa għal offerti mingħajr ma jkunu mogħnija biċ-ċertifikat ta' approvazzjoni u mingħajr ebda aħbar dwar l-approvazzjoni effettiva iżda pjuttost bil-presuppost li l-approvazzjoni ma hijiex neċessarja, b'tali mod li sempliċi dikjarazzjoni ta' ekwivalenza għall-approvazzjoni oriġinali mogħtija mill-offerenti tirriżulta li hija suffiċjenti?
- 2) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-punt 27 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46, b'rabta mal-provvista permezz ta' kuntratt pubbliku ta' spare parts għal xarabanks intiżi għas-servizz pubbliku, jipprekludi l-fatt li jiġi permess lil offerent individwali jidentifika lilu nnifsu bħala "kostruttur" ta' spare part speċifika mhux oriġinali intiża għal vettura speċifika, b'mod partikolari fejn din taqa' taħt waħda mit-tipi ta' komponenti kkontemplati mir-regolamentazzjonijiet tekniċi elenkati fl-Anness IV (Lista ta' ħtiġijiet għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi) tad-Direttiva 2007/46 jew inkella l-imsemmi offerent għandu minflok jipprova, għal kull waħda mill-ispare parts offerti u sabiex jiċċertifika l-ekwivalenza tagħhom għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa għal offerti, li huwa l-persuna responsabbli lejn l-awtorità kompetenti mill-approvazzjoni tal-aspetti kollha tal-proċedura ta' approvazzjoni kif ukoll tal-konformità tal-produzzjoni u tal-livell kwalitattiv relatat u li jwettaq minn tal-inqas direttament uħud mill-fażijiet ta' kostruzzjoni tal-komponenti li hija suġġetta għall-approvazzjoni, kif ukoll li jikkjarifika, fl-affermattiv, b'liema mezzi għandha tiġi prodotta tali prova?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU 2007, L 263, p. 1).

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2021 minn Comercializadora Eloro S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fit-28 ta' April 2021 fil-Kawża T-310/20 – Comercializadora Eloro vs EUIPO – Zumex Group (JUMEX)**

(Kawża C-415/21 P)

(2022/C 2/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

**Appellant:** Comercializadora Eloro S.A. (rappreżentanti: J. L. Gracia Albero, P. Merino Baylos u E. Cebollero González, avukati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u Zumex Group, S.A.

Permezz ta' digriet tal-10 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ddeċidiet li l-appell ma huwiex ammissibbli u kkundannat lil Comercializadora Eloro, S.A. għall-ispejjeż rispettivi tagħha.